TARXIEN

# KUNSILL LOKALI TARXIEN

## Minuti Laqgħa Straordinarja Nru. 02/06

## IS-SITT AMMINISTRAZZJONI

* Il-Laqgħa Straordinarja Nru 02/06 tas-Sitt Amministrazzjoni saret nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju 2009 fil-5.30pm fl-Uffiċċini Amministrattivi f'73, Triq Santa Marija, Tarxien. Data u hin

** Preżenti għal-Laqgħa: Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur P. Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Frans Agius | Viċi Sindku |
| Is-Sur L. Bonavia | Kunsillier |
| Is-Sinj. D. Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Keith Darmanin | Kunsillier |
| Dr O. Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier |
| Is-Sur Maurice L. Mallia | Seg. Eżek. |

Preżenti wkoll is-Sur P. Giglio, Awditur maħtur mill-Gvern Ċentrali.

*** Is-Sindku, s-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.

## 1.0 Introduzzjoni mis-Sindku

1.1 Is-Sindku laqa' lis-Sur P. Giglio filwaqt li ntroduċih mal-membri l-oħra tal-Kunsill, u stiednu sabiex jagħti spjegazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għas-sena li għalqet fil-31/03/09.

## 2.0 Spjegazzjoni tar-Rapport Finanzjarju mill-Awditur is-Sur P. Giglio

**2.1** Filwaqt li rringrazzja lis-Sindku u lill-Membri l-oħra għall-istedina għal din il-laqgħa is-Sur P. Giglio ta spjegazzjoni dettaljata tar-Rapport Finanzjarju.

**2.2** L-Awditur beda biex qal li din is-sena wkoll bħas-snin l-imgħoddija kienet sena pożittiva li l-Kunsill irnexxielu jħalli *surplus* ta' €42,000, żieda ta' €10,000 fuq is-sena preċedenti, filwaqt li wettaq l-obligazzjonijiet kollha tiegħu skont il-liġi kif ukoll wettaq diversi proġetti u manutenzjoni estensiva tat-toroq. Sena Pożittiva

**2.3** Kompla jgħid li l-Kunsill irnexxielu ukoll jirkupra €9,000 mis-sistema ta' LES filwaqt li l-ispejjeż globalment żdiedu b'€7,000.

**2.4** L-Assi telgħu għall-valur ta' €860,000, b'żieda fuq is-sena l-oħra ta' iżjed minn €120,000.

**2.5** Is-Sur P. Giglio kkummenta wkoll li l-Balance Sheet reġgħet issaħħet u din hi t-tielet sena li żdiedet.

**2.6** Qal ukoll li saru aġġustamenti ta' natura teknika biex il-Financial Statements ikunu konformi ma' dawk internazzjonali. Aġġustamenti tekniċi

**2.7** Dwar il-flus dovuti mill-LES u l-WSC, is-Sur P. Giglio qal li dawn huma problemi komuni mal-Kunsilli Lokali kollha. Kompla jgħid li dan il-Kunsill għamel sforz biex jirkupra l-flus dovuti lilu mill-LES u qed jirnexxielu. LES u WSC

**2.8** Filwaqt li tkellem dwar punti mill-Management Letter, is-Sur Giglio spjega li din hi bbażata fuq natura teknika. Qal li NAO qed jesiġu li jissemmew punti, anke dawk l-iżjed frivoli li jinstabu fil-Kunsilli Lokali.

**2.9** Dwar il-*benchmark*, hu qal li dan il-Kunsill jinsab 'fuq mill-10% obligati li jinzammu bil-liġi, fil-fatt dan il-Kunsill għandu *benchmark* ta' 26% u hu wieħed mill-aħjar Kunsilli. Benchmark

**2.10** Fl-għeluq tad-diskors tiegħu, is-Sur P. Giglio qal li f'dan il-Kunsill qatt ma sab problemi gravi u kienu 5 snin ta' esperjenza pożittiva għaż-żewġ partijiet. Is-Sur Giglio rringrazzja lill-Kunsill b'mod partikolari lis-Seg. Eżek. għall-koperazzjoni li sab waqt ix-xogħol tiegħu.

**2.11** Is-Sur Giglio staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew xi kjarifiki mill-Kunsillieri. Mistoqsijiet

2.11.1 Ma kien hemm ebda mistoqsijiet.

**2.12** Is-Sindku ressaq ir-Rapport Finanzjarju għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Approvazzjoni

**2.13** Is-Sindku, issekondat mis-Sur L. Bonavia jipproponi li r-Rapport Finanzjarju jkun approvat.

2.13.1 Il-Kunsill unanimament approva r-Rapport Finanzjarju.

2.13.2 Is-Sindku flimkien mas-Seg. Eżek. iffirmaw l-oriġinal kollha tad-dokument ippreżentat mill-Awditur is-Sur P. Giglio. Dokument minnhom ġie mgħoddi lis-Seg. Eżek. (App. 1) filwaqt li l-oħrajn ser jintbgħatu lill-Awditur Ġenerali mis-Sur P. Giglio inniffsu. Iffirmar

*Is-Sinj. D. Vella attendiet għal-laqgħa fis-5.55pm*

## 3.0 Għeluq tal-Laqgħa

**3.1** Is-Sindku, filwaqt li rringrazzja lis-Sur P. Giglio għall-ispjegazzjoni tiegħu, qal li dan hu Ċertifikat ieħor tajjeb għal dan il-Kunsill Lokali. Qal ukoll li għalli ġej hu konvint li nkomplu nagħmlu progress u suċċess għal din is-sena, bħas-snin l-imgħoddija għal ġid ta' dan ir-raħal. Irringrazzja wkoll lill-Kunsillieri kollha.

**3.2** Il-laqgħa ntemmet fis 6.00pm u ġiet aġġornata sine die.

*P. Farrugia*
*Sindku*
29.07.09

*M. L. Mallia*
*Seg. Eżek.*